



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 18.1.2012
KUMM(2011) 713 finali

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U
LILL-KUNSILL**

Il-kejl tal-Kriminalità fl-UE: Pjan ta' Azzjoni tal-Istatistika 2011 - 2015

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

Il-kejl tal-Kriminalità fl-UE: Pjan ta' Azzjoni tal-Istatistika 2011 - 2015

INTRODUZZJONI

1. L-GĦAN

L-Istatistiki dwar il-kriminalità u l-ġustizzja kriminali huma għodda indispensabbli għall-iżvilupp ta' politika bbażata fuq l-evidenza fil-livell tal-UE. Valutazzjonijiet tal-impatt, evalwazzjonijiet tal-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni tal-UE mill-Istati Membri u l-valutazzjoni tal-effikaċja ta' liġijiet ġodda huma biss xi eżempji tal-użu tat-tagħrif statistiku. Filwaqt li l-ħtieġa għal statistiki fattwali ilha li għet identifikata mill-Istati Membri u l-Kummissjoni Ewropea, għad hemm nuqqas ta' informazzjoni statistika affidabbli u kumparabbli.

L-għan ta' din il-Komunikazzjoni huwa li tinforma lill-partijiet interessati bil-progress li sar fil-kejl tal-kriminalità u tal-ġustizzja kriminali matul l-aħħar ħames snin u tistipula l-azzjonijiet ewlenin għall-ħames snin li ġejjin fil-forma ta' Pjan ta' Azzjoni 2011-2015.

2. IL-QAGĦDA PREŻENTI

2.1. Pjan ta' Azzjoni 2006-2010 - Kuntest

F'Awwissu 2006, il-Kummissjoni adottat Pjan ta' Azzjoni tal-UE għal 5 snin għall-iżvilupp ta' strateġija komprensiva u koerenti tal-UE sabiex titkejjel il-kriminalità u l-ġustizzja kriminali. Id-DĠ tal-Ġustizzja, Libertà u Sigurtà (JLS), u mill-2010, id-DĠ tal-Affarijiet Interni (HOME) f'kollaborazzjoni stretta mal-Eurostat, kienu responsabbli għall-implimentazzjoni tagħha.

Fl-istess ħin, ġie stabbilit Grupp ta' Esperti dwar il-Ħtiġijiet tal-Politika għal Dejta dwar il-Kriminalità u l-Ġustizzja Kriminali¹ biex jassisti lill-Kummissjoni, sabiex jidentifika l-ħtiġijiet tal-politika għal dejta fil-livell tal-UE u biex jagħti pariri dwar l-iżvilupp u l-użu effettiv ta' indikaturi fil-qasam tal-kriminalità u l-ġustizzja kriminali. Dan il-Grupp ta' Esperti jikkonsisti minn uffiċjali tal-Pulizija, tal-Ġustizzja jew tal-Intern minn kull wieħed mill-Istati Membri tal-UE, u l-pajjiżi kandidati u tal-EFTA², kif ukoll l-organizzazzjonijiet u l-aġenziji rilevanti tal-UE, Ewropej, u dawk internazzjonali³. L-akkademiċi u s-settur privat huma rrappreżentati wkoll. Il-grupp iltaqa' ħames darbiet mill-2006.

¹ B'deċiżjoni tal-Kummissjoni (2006/581/KE)

² Assoċazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles: L-Iżlanda, il-Liechtenstein, in-Norveġja u l-Iżvizzera.

³ EUCPN, EMCDDA, EUROJUST, EUROPOL, FRA, Kunsill tal-Ewropa, Sourcebook Ewropew, UNODC, UNECE u UNICEF

B'mod parallel, il-Grupp ta' Ħidma tal-Eurostat kien stabbilit biex jimplimenta s-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Esperti. L-Istati Membri kollha huma rappreżentati fuq il-Grupp ta' Ħidma minn esperti tal-gvern mill-Istituti Nazzjonali tal-Istatistika. Parteċipanti oħra jirrappreżentaw l-EFTA u l-pajjiżi kandidati, kif ukoll bosta korpi internazzjonali attivi fil-qasam. Esperti oħra huma mistiedna fuq bażi ad hoc biex jiddiskutu suġġetti li huma relatati ma' oqsma speċifiċi tal-għarfien espert tagħhom. Il-Grupp ta' Esperti dwar il-Ħtiġijiet tal-Politika jistabbilixxi l-prijoritajiet, u l-Grupp ta' Ħidma tal-Eurostat jiddiskuti l-fattibilità u l-implimentazzjoni tagħhom, jivvaluta l-kwalità tad-dejta miġbura u, fejn meħtieġ, jiddefinixxi metodoloġiji u proċeduri li għandhom jintużaw. Barra minn hekk, twaqqfu għadd ta' sottogruppi ta' Esperti u Task Forces biex jeżaminaw il-kompiti tal-Pjan ta' Azzjoni partikolari. Id-DĠ HOME stabbilixxa ħames sottogruppi⁴ u l-Eurostat żewġ Task Forces⁵.

2.2. Pjan ta' Azzjoni 2006-2010 – Kisbiet

Saru sforzi sinjifikanti kemm mill-Kummissjoni u l-Istati Membri biex jiġi implimentat il-Pjan ta' Azzjoni ambizzjuż. Il-kisbiet prinċipali jistgħu jiġu mqassra kif ġej:

Kooperazzjoni internazzjonali – Il-mekkaniżmu tal-ġbir tad-dejta: Tpoġġiet enfasi partikolari fuq it-twaqqif ta' bażi għall-kooperazzjoni mal-awtoritajiet tal-Istati Membri, l-aġenziji Ewropej u l-istituzzjonijiet internazzjonali bit-twaqqif ta' networks ta' esperti u l-identifikazzjoni ta' punti ta' kuntatt. L-eżitu ta' din il-koperazzjoni kien l-iżvilupp ta' mekkaniżmu funzjonali għall-ġbir tad-dejta li tkopri l-istadji kollha tal-proċess, mill-identifikazzjoni tal-indikaturi komuni għall-pubblikazzjoni attwali tad-dejta miġbura.

Fehim aħjar tal-ħtiġijiet: Daqstant ieħor importanti kien it-titjib tal-għarfien fir-rigward tal-bżonnijiet, il-lakuni u l-limitazzjonijiet fil-ġbir u l-analiżi tad-dejta tal-kriminalità fil-livell tal-UE. L-iskambju ta' informazzjoni fil-laqgħat tal-esperti, l-esperjenza miksuba minn ġbir tad-dejta matul dan il-perjodu u r-riżultati tal-proġetti ta' riċerka għamlu kontribut sinjifikanti għal dan l-isforz.

L-iżvilupp ta' indikaturi u ġabriet tad-dejta: Sa mill-2007, il-Eurostat ipproduċa fuq bażi annwali, l-pubblikazzjoni Statistics in Focus⁶ dwar l-istatistika tal-kriminalità li fiha dejta dwar dawn li ġejjin: Kriminalità totali, omiċidji, reati vjolenti, serq, serq domestiku, serq ta' vetturi bil-mutur, traffikar tad-drogi, popolazzjoni fil-ħabsijiet u numru ta' uffiċjali tal-pulizija. F'Novembru 2010, inħareġ l-ewwel dokument ta' ħidma dwar il-Ħasil tal-Flus⁷. L-istatistika kienet ibbażata fuq indikaturi identifikati mis-sottogrupp espert tal-Kummissjoni dwar il-Ħasil tal-Flus. Listi oħra ta' indikaturi li ġew imfassla s'issa jikkonċernaw it-Traffikar tal-Bnedmin u ċ-Ċiberkriminalità.

L-Istħarriġ tal-UE dwar is-sikurezza (vittimizzazzjoni): L-istatistika tal-pulizija u tal-qorti għandha tiġi kkumplementata minn statistika dwar il-vittmi, partikolarment f'żoni ta' kriminalità fejn l-inċidenti mhux dejjem huma rrapportati. Barra minn hekk, stħarriġ dwar il-vittimizzazzjoni huma sors validu ta' dejta kompletament kumparabbli, sakemm tkun

⁴ Sotto-Gruppi Dwar L-Ippjanar, Il-Ħasil tal-Flus, il-Ġustizzja Kriminali, it-Traffikar tal-Bnedmin, il-Kooperazzjoni tal-Pulizija u l-Kriminalità Ċibernetika

⁵ Task Forces dwar il-Vittimizzazzjoni u dwar id-Disponibilità tad-dejta dwar il-Kriminalità

⁶ <http://epp.eurostat.ec.europa.eu/portal/page/portal/crime/publications>

⁷ http://epp.eurostat.ec.europa.eu/portal/page/portal/product_details/publication?p_product_code=KS-RA-10-003

applikata metodoloġija komuni. L-iżvilupp ta' metodoloġija komuni u modulu ta' sħarriġ dwar il-vittimizzazzjoni kien għalhekk riżultat importanti ieħor ta' dan il-Pjan ta' Azzjoni. L-implimentazzjoni tal-isħarriġ ġiet skedata għall-perjodu 2013-2014 u se tipprovi, għall-ewwel darba fl-UE27, informazzjoni komparabbli dwar ir-rati ta' prevalenza (rati ta' vittimizzazzjoni) ta' tipi speċifiċi ta' kriminalità u fuq l-aspetti relatati ma' dak li jħossu ċittadini dwar is-sikurezza tagħhom. L-involvement attiv tal-Istituti Nazzjonali tal-Istatistika f'kull stadju (mid-disinn tal-modulu għall-qasam tax-xogħol u l-istimi tar-rati ta' prevalenza) jiggarrantixxi r-responsabbiltà sħiħa tal-kwalità tad-dejta, u dan huwa partikolarment importanti għal pajjiżi li ma jwettqux sħarriġ nazzjonali dwar il-vittmi, għaliex huma jistgħu jużaw din l-oportunità biex jibnu l-kapaċitajiet tagħhom stess.

Appoġġ għal riċerka rilevanti: Attivitàjiet ta' riċerka fil-qasam tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni kienu appoġġati bil-qawwi permezz tal-programm “Prevenzjoni tal-Kriminalità u l-Ġlieda Kontra l-Kriminalità” li pprovdiet l-oportunità li numru kbir ta' gruppi tar-riċerka mis-27 Stat Membru jwettqu studji f'oqsma ta' interess partikolari għall-Kummissjoni. Eżempju tipiku tal-użu tar-riżultati tar-riċerka hu l-lista ta' indikaturi dwar it-Traffikar tal-Bnedmin, li huwa msejjes fuq is-suġġerimenti u r-rakkomandazzjonijiet ta' studji rilevanti.

2.3. Pjan ta' Azzjoni 2006-2010 – Tagħlimiet

Filwaqt li sar xogħol sinjifikanti fir-riċerka, il-koordinazzjoni u n-netwerking, huma biss ftit ir-riżultati li huma attwalment viżibbli. Dan jgħodd partikolarment għall-għanijiet li jeħtieġu mhux biss l-iżvilupp ta' indikaturi komuni, iżda wkoll il-għbir attwali tad-dejta. L-aħħar kwistjoni kienet l-aktar aspekk tal-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni li kien bati u problematiku.

Ir-raġunijiet ewlenin għall-progress limitat fil-għbir ta' dejta komparabbli u armonizzata fil-livell tal-UE kienu miġbura fil-qosor fl-istudju dwar "L-iżvilupp ta' sistema ta' klassifikazzjoni fil-livell tal-UE" li nbdeet mill-Kummissjoni fl-2007⁸. Dawn huma hekk kif ġej:

Differenzi fid-definizzjonijiet tar-reati u s-sistemi ta' klassifikazzjoni: Madwar l-UE, mill-inqas 128 awtorità nazzjonali huma involuti fil-għbir u l-produzzjoni tal-istatistika tal-kriminalità, fejn ġew identifikati mill-inqas 52 sistema distinta ta' klassifikazzjoni tar-reati.

Fluss ineffiċjenti tad-dejta: Koordinament fil-livell nazzjonali rriżulta diffiċli, speċjalment fil-każ ta' sorsi multipli ta' dejta. Anke fejn jeżistu l-punti ta' kuntatt nazzjonali, mhux dejjem ikollhom aċċess għal dejta li tkopri kull stadju mis-sistema tal-ġustizzja kriminali. Bħala riżultat, il-għbir kollu tad-dejta jiffaċċja dewmien sinjifikanti qabel ma jinġabar sett integrat ta' dejta.

Id-differenzi fis-sistemi ta' rappurtar: Stati Membri differenti japplikaw regoli differenti tal-għadd⁹ sabiex titkejjel il-kriminalità, ħaġa li tillimita l-komparabbiltà u spiss twassal għal duplikazzjoni fl-għadd. Id-differenzi fil-punt meta tkun irreġistrata d-dejta dwar ir-reati u l-firxa wiesgħa ta' prattiċi ta' rappurtar madwar l-UE joħolqu ostakoli addizzjonali.

⁸ Offerta JLS/D2/2007/03. Studju dwar l-iżvilupp tal-UE- sistema ta' klassifikazzjoni tal-livelli tar-reati u valutazzjoni tal-fattibbiltà tagħha li tappoġġja l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni biex tiżviluppa strateġija tal-UE biex titkejjel il-kriminalità u l-ġustizzja kriminali.

⁹ Fuq il-bażi jew ta' delinkwenti jew ta' reati.

Il-proliferazzjoni tal-ġbir tad-dejta minn organizzazzjonijiet tal-UE u dawk internazzjonali: Il-ġbir tad-dejta dwar il-kriminalità fil-livell internazzjonali jiddependi l-aktar fuq l-ambitu u l-mandat tal-organizzazzjoni involuta. Bħala riżultat, l-awtoritajiet tal-Istati Membri ta' spiss jiffaċċjaw talbiet kemxejn simili għad-dejta, li jżidu mal-konfużjoni u jżidu l-piżijiet amministrattivi tagħhom.

Sorsi oħra ta' dewmien fl-implimentazzjoni tal-azzjonijiet deskritti fil-Pjan ta' Azzjoni kienu n-nuqqas ta' interess jew prioritajiet differenti għal uħud mill-attivitajiet fil-livell nazzjonali, limitazzjonijiet baġitarji u dawk tal-persunal u, fl-aħħarnett, iż-żieda tal-piżijiet amministrattivi minħabba talbiet ġodda għal dejta. Bħala riżultat, 50% biss tal-oġettivi intlaħqu¹⁰.

Jibqa' minnu li l-informazzjoni fuq il-forom tradizzjonali tal-kriminalità – kkunsidrati li huma 'il barra mill-kompetenza tal-UE – hija aktar b'saħħitha, aktar komparabbli u ġeneralment ta' kwalità aħjar milli fil-qasam tal-kriminalità organizzata transkonfinali li tirrelata aktar mill-qrib mal-ħtiġijiet tal-politika tal-UE. Madankollu, il-progress jista' jidher f'oqsma kumplessi ġodda bħalma huma l-Ħasil tal-Flus, it-Traffikar tal-Bnedmin u ċ-Ċiberkriminalità. Iżda jibqa' l-fatt li d-dejta dwar kriminalità kemm tradizzjonali u kemm fik transkonfinali organizzata tiddependi fuq il-kwalità u l-effiċjenza tal-istrutturi domestiċi li jirfdu l-ġbir u l-provvediment tad-dejta.

3. L-IMPENJI POLITIĊI

Fil-Programm ta' Stokkolma¹¹, il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kummissjoni biex

"tkompli tiżviluppa għodod statistiċi biex jitkejlu l-kriminalità u l-attivitajiet kriminali u tirrifletti dwar kif tkompli tiżviluppa, wara l-2010, l-azzjonijiet delinejati u parzjalment implimentati fil-Pjan ta' Azzjoni tal-Unjoni 2006-2010 dwar l-iżvilupp ta' strateġija komprensiva u koerenti tal-UE biex jitkejlu l-kriminalità u l-ġustizzja kriminali, bil-ħsieb tal-ħtieġa miżjuda għal din l-istatistika f'numru ta' oqsma fi ħdan l-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja."

Il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-Kriminalità Serja u Organizzata kif ukoll iċ-Ċiberkriminalità huma fi ħdan ħames oġettivi strateġiċi tal-Istrateġija Interna tas-Sigurtà¹² li tistabbilixxi l-bażi għal kooperazzjoni aktar effettiva bejn l-Istati Membri u l-Istituzzjonijiet tal-UE li jimmiraw lejn Ewropa aktar sikura. L-iskambju ta' informazzjoni u l-ġbir ta' statistika f'oqsma partikolari bħat-Traffikar tal-Bnedmin, il-Ħasil tal-Flus, il-Kriminalità Ċibernetika u l-Korruzzjoni huma skont l-azzjonijiet proposti tal-Istrateġija Interna ta' Sigurtà.

¹⁰ 30% oħra kienu parzjalment milħuqa jew li għadhom fil-proċess.

¹¹ ĠU C 115/1, 4.5.2010, pp.21

¹² L-Istrateġija tas-Sigurtà Interna tal-UE fl-Azzjoni: Ħames passi lejn Ewropa aktar sikura. COM(2010) 673 finali.

4. XOGĦOL FUTUR

4.1. Il-Pjan ta' Azzjoni fl-2011 – 2015 - l-Objettivi

Peress li l-mira prinċipali tiegħu kienet fuq it-twaqqif tal-mekkaniżmi neċessarji, il-Pjan ta' Azzjoni 2006-2010 għandu jittqies bħala l-ewwel pass f' proċess fit-tul. Hu stabbixxa l-bażi għal strateġija tal-UE sabiex titkejjel il-kriminalità u l-ġustizzja kriminali billi jiġi żviluppata u ttestjat mekkaniżmu funzjonali għall-fluss bla skossi ta' informazzjoni minn u lejn l-Istati Membri. Aħna u nibnu fuq it-tagħlimiet mill-imgħoddi, illum hu possibbli li napplikaw dan il-mekkaniżmu b'mod aktar effettiv.

L-għan tal-Pjan ta' Azzjoni l-ġdid 2011-2015 hu li x-xogħol li nbeda fl-2006 jitkompla u jitmexxa 'l quddiem u li jkun hemm iffukar fuq il-kisba tar-riżultati. L-objettivi ppreżentati f'dan il-Pjan ta' Azzjoni huma msejsa fuq il-prijoritajiet stabbiliti mill-Istrateġija ta' Sigurtà Interna fir-rigward ta' oqsma ta' kriminalità speċifika u fuq rakkomandazzjonijiet mill-Grupp ta' Esperti dwar il-Ħtiġijiet tal-Politika, kif waslu f'konsultazzjoni bil-miktub matul is-sajf tal-2010. Il-messaġġ prinċipali ta' din il-konsultazzjoni, li jirrifletti l-prijoritajiet ta' firxa wiesgħa ta' partijiet interessati, kien il-bżonn ta' Pjan ta' Azzjoni ffukat u fattibbli b'enfasi fuq il-kwalità tad-dejta miġbura, l-analiżi u d-disseminazzjoni tar-riżultati, u koordinazzjoni aħjar u l-kollaborazzjoni tal-atturi kollha involuti (l-Istati Membri, l-Istituzzjonijiet tal-UE, l-aġenziji tal-UE, l-Organizzazzjonijiet Internazzjonali, l-Akkademiċi). Bi tweġiba għal din it-talba, l-għanijiet tal-Pjan ta' Azzjoni 2011-2015 huma maqsuma fl-erba' oqsma li ġejjin:

- (1) Il-Kooperazzjoni u l-Koordinazzjoni fil-livell tal-UE u dak Internazzjonali**
- (2) Il-kwalità tad-dejta**
- (3) L-analiżi tad-dejta u d-disseminazzjoni tar-riżultati**
- (4) L-iżvilupp ta' indikaturi u ġabriet speċifiċi tad-dejta**

Il-kooperazzjoni fil-livell tal-UE u dak Internazzjonali

L-objettivi taħt din il-kategorija jwieġbu għar-rakkomandazzjonijiet tal-esperti dwar immappjar aħjar tal-ħtiġijiet ta' dawk li jfasslu l-politika, komunikazzjoni aħjar mal-partijiet interessati, il-promozzjoni ta' xogħol dwar statistika dwar il-kriminalità u l-ġustizzja kriminali fost l-istituzzjonijiet tal-UE u kollaborazzjoni aħjar fil-livell tal-UE u dak internazzjonali, sabiex tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-eżerċizzji tal-ġbir. Uħud mill-azzjonijiet proposti biex jinkisbu dawn l-objettivi huma kif ġej:

- Twaqqif ta' grupp ta' esperti ġdid u aktar wiesa'
- aġġornamenti regolari tal-gruppi rilevanti ta' ħidma tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni
- promozzjoni u tixrid tal-aħjar Prattiki Applikati mill-Istati Membri u organizzazzjonijiet internazzjonali, għall-ġbir u rappurtar tad-dejta
- ġabriet tad-dejta organizzati flimkien ma' organizzazzjonijiet internazzjonali u/jew aġenziji tal-UE.

Il-kwalità tad-dejta

L-objettivi ta' din il-kategorija huma stabbiliti sabiex itejbu l-komparabbiltà tad-dejta li diġà qed tiġi prodotta fuq bażi regolari. Peress li r-raġunijiet ewlenin għalfejn ma għandniex dejta komparabbli huma d-differenzi fil-kodiċijiet kriminali u s-sistemi ta' rrappurtar, l-enfasi hija fuq l-iżvilupp ta' Sistema Internazzjonali ta' Klassifikazzjoni tal-Kriminalità għal għanijiet statistiċi, filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet multilingwistiċi. Skont l-esperti kkonsultati dwar il-kontenut ta' dan il-Pjan ta' Azzjoni, it-titjib tal-kwalità tal-istatistika ppubblikata kull sena mill-Eurostat fi Statistics in Focus għandha tingħata l-ewwel prijorità. L-azzjonijiet suġġeriti jinkludu dan li ġej:

- it-tkomplija u l-promozzjoni tax-xogħol ta' Task Force UNODC-UNECE dwar il-Klassifikazzjoni tal-Kriminalità bil-provvediment ta' fondi għal dawk l-Istati Membri li jixtiequ jittestjaw il-klassifikazzjoni proposta,
- jonqos il-livell ta' aggregazzjoni u tizzied il-lista ta' reati (fl-Istatistics in Focus dwar il-Kriminalità u l-Ġustizzja Kriminali) sabiex wieħed jasal għal kategoriji aktar omoġenji,
- jiġu introdotti varjabbli demografiċi (bħal gruppi skont is-sess, in-nazzjonalità, u l-età) fejn xieraq,
- l-abbozzar tal-linji gwida u definizzjonijiet komuni, partikolarment għall-kollezzjonijiet il-ġodda ta' dejta dwar it-tipi ta' reati mhux tradizzjonali.

L-analiżi tad-dejta u d-disseminazzjoni tar-riżultati

Il-bżonn li jkun hemm iżjed investimenti fl-analiżi tad-dejta miġbura issemma' mill-maġġoranza tal-esperti matul il-konsultazzjoni tagħhom. Minħabba d-differenzi fl-irreġistrar, l-irrapportar u l-klassifikazzjoni tal-kriminalità madwar l-Istati Membri, il-paraguni tal-livelli ta' kriminalità jistgħu jkun qarrieqa, speċjalment jekk iċ-ċifri assoluti ma jkunux akkumpanjati minn informazzjoni addizzjonali dwar il-kwalità tagħhom (metadejta) - pereżempju, jekk hemm devjazzjonijiet mill-istruzzjonijiet u l-linji gwida rċevuti fil-bidu tal-proċess.

Fl-istess waqt, il-ħtieġa ta' Rapport tal-UE tal-Kriminalità, li jiġbor flimkien id-dejta u rapporti dwar il-Kriminalità u l-Istatistika Kriminali, ilha li ġiet rikonoxxuta. L-iżvilupp ta' qafas għall-produzzjoni ta' rapport bħal dan diġà kien fost l-objettivi tal-Pjan ta' Azzjoni 2006-2010 u wkoll is-suġġett ta' studju li kien konkluż f'Diċembru 2010. Madankollu, għad hemm il-ħtieġa għal aktar riflessjoni dwar il-fattibilità tal-alternattivi proposti.

It-tixrid u l-aċċess miftuħ għal dejta, studji, rapporti u prassi tajba ġew mitluba wkoll minn bosta partijiet interessati. Biex jakkomoda t-talbiet t'hawn fuq, kienu ppjanati dawn l-azzjonijiet li ġejjin:

- Kumpilazzjoni u pubblikazzjoni sistematika ta' metadejta u tagħrif kuntestwali, wara l-eżempju ta' Statistics in Focus
- L-iżvilupp ta' Rapport tal-UE dwar il-Kriminalità bbażat fuq ir-rakkomandazzjonijiet tal-istudju preliminari u l-valutazzjoni tal-fattibilità tal-alternattivi proposti.

- Produzzjoni ta' dokumenti ta' ħidma u noti ta' spjegazzjoni għal kull ġabra ġdida ta' dejta.

L-iżvilupp ta' indikaturi u għabriet speċifiċi tad-dejta

L-oġġettivi ta' din il-kategorija jirriflettu l-kunsens ġenerali fuq pjan ta' azzjoni konċiż u fattibbli u jikkonformaw mat-talba tal-Istati Membri rigward tagħbija addizzjonali ta' xogħol. Fl-istess ħin, huma bbażati fuq il-prijoritajiet stabbiliti permezz tal-Istrateġija Interna tas-Sigurtà fir-rigward ta' oqsma speċifiċi ta' kriminalità.

ewg tipi ta' attivitajiet:

- Attivitajiet kurrenti, li bdew taħt il-Pjan ta' Azzjoni preċedenti, bħal l-implimentazzjoni tal-Istħarriġ tal-UE dwar is-Sigurtà, l-Istħarriġ dwar il-vittimizzazzjoni tan-Negożju u t-tielet ġabra tad-djeta dwar il-Ħasil tal-Flus.
- Attivitajiet li ġew inklużi fil-Pjan ta' Azzjoni preċedenti li ma avvanzawx biżżejjed, bħal għbir ta' dejta dwar iċ-Ċiberkriminalità, jew qatt ma nbdew, bħall-iżvilupp ta' indikaturi dwar il-Korruzzjoni.

Il-għbir tal-istatistika dwar il-kriminalità mill-2012 'il quddiem għandu jkun faċilitat aktar permezz tal-implimentazzjoni f'waqtha mill-Istati Membri tad-deċiżjoni (tat-tielet pilastru) li tistabbilixxi s-Sistema ta' Regjistru Kriminali (ECRIS)¹³.

4.2. Il-Pjan ta' Azzjoni fl-2011 – 2015 - L-isfidi

L-implimentazzjoni b'suċċess tal-Pjan ta' Azzjoni tirrikjedi xogħol intensiv u kontinwu fil-livelli kollha (dawk nazzjonali, tal-UE u dawk internazzjonali).

Fil-livell nazzjonali hemm il-ħtieġa li tittejjeb il-koordinazzjoni domestika fost l-utenti varji governattivi u non-governattivi u dawk li jipprovdu d-dejta dwar il-kriminalità. L-esperjenza wriet li dan in-nuqqas ta' koordinazzjoni huwa sors ewlieni tad-dewmien fl-eżerċizzji tal-għbir.

Il-kriżi finanzjarja ġiegħlet uħud mill-Istati Membri sabiex inaqqsu l-ispejjeż amministrattivi tagħhom u għaldaqstant l-abilità tagħhom li jipparteċipaw fil-gruppi u l-kumitati tal-esperti. Il-Kummissjoni, konxja ta' din is-sitwazzjoni se tfittex li timminimizza l-għadd ta' laqgħat u se tħares ukoll lejn mezzi oħra ta' komunikazzjoni, bħal konferenzi bl-użu tal-vidjow jew tat-telefon.

Fil-livell tal-UE l-isfida ewlenija tibqa' l-komparabbiltà tad-dejta miġbura. Din hi r-raġuni għaliex approċċ konsistenti għall-klassifikazzjoni ta' dejta dwar il-kriminalità hija meħtieġa. Il-ħtieġa għal sistema komuni ta' klassifikazzjoni tapplika mhux biss għall-Istati Membri iżda wkoll għall-aġenziji tal-UE. Għandu jkun hemm sforz fl-assigurazzjoni kontra r-riskju li s-sitwazzjoni preżenti tiġi replikata fi ħdan uħud mill-Istati Membri, fejn klassifikazzjonijiet ta' kriminalità multipli u ta' spiss diverġenti jżidu saff ieħor ta' kumplessità għall-għbir ta' dejta komparabbli.

¹³ ĠU L 93, 7.4. 2009, p.33

Fil-livell Ewropew u internazzjonali l-enfasi hija fuq il-koordinazzjoni u l-iskambju ta' prattiki tajba. Ġbir komuni ta' dejta (jiġifieri l-Kummissjoni, il-korpi tan-NU, l-Kunsill tal-Ewropa, eċċ.) biċ-ċar inaqqsu l-piż fuq l-istituti statistiċi tal-Istati Membri u b'hekk jitnaqqas iż-żmien meħtieġ għall-ġbir, il-verifika u t-trażmissjoni tat-tagħrif statistiku.

5. L-IMPLIMENTAZZJONI U S-SEGWITU

Id-DĠ HOME se jkun responsabbli għall-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni 2011-2015. Il-Eurostat se jkompli bl-attivitajiet mibdija taħt il-Pjan ta' Azzjoni preċedenti u se jipprova pariri tekniċi dwar il-kompiti ġodda meta jkun meħtieġ.

It-twaqqif mill-ġdid ta' grupp esperti biex jgħin lill-Kummissjoni sabiex tidentifika l-ħtiġijiet fil-politika dwar il-kriminalità se jgħin biex tiġi evitata d-duplikazzjoni tax-xogħol fuq kriminalità organizzata u tal-volum¹⁴ fil-Kummissjoni, il-korpi u l-aġenziji tal-UE u organizzazzjonijiet internazzjonali attivi fil-qasam.

Se jitwaqqfu sottogruppi u Task Forces biex iwettqu l-kompiti partikolari soġġetti għall-ftehim tal-grupp ta' esperti fil-laqgħa annwali.

Il-Pjan ta' Azzjoni se jkun aġġornat hekk kif jiżviluppa x-xogħol, u l-attivitajiet identifikati ser ikunu inklużi fil-programmi ta' ħidma rilevanti tal-Kummissjoni, kif ukoll fil-Programm Statistiku tal-Komunità u fil-programm ta' ħidma annwali tagħha. Il-Pjan ta' Azzjoni jista' jeħtieġ ukoll li jkopri l-kejl tad-dejta marbuta mal-implimentazzjoni effettiva tal-politiki tal-UE permezz ta' miżuri ta' kriminalità, kif ukoll strumenti ġodda possibbli relatati mal-kriminalità u l-ġustizzja kriminali. Il-perspettivi finanzjarji ġodda ser jirriflettu l-ħtieġa għall-appoġġ lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-pjan ta' ħidma.

Il-Kummissjoni se tgħarraf lill-gruppi ta' ħidma rilevanti tal-Kunsill kull sena dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni. Fl-2013 il-Kummissjoni ser tħejji reviżjoni ta' nofs it-terminu, u fi tmiem l-2015 rapport finali għandu jitressaq lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill fuq il-kisbiet u l-limitazzjonijiet fl-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni.

¹⁴ Il-kriminalità tal-volum tinkludi: Serq bi sgass, Serq, Serq ta' Vetturi, Assalt, Vandaliżmu eċċ.

TABELLA TA' AZZJONIJIET GĦALL-PJAN TA' AZZJONI TAL-UE GĦALL-2011 – 2015 FUQ IL-KEJL TAL-KRIMINALITÀ FL-UNJONI EWROPEA

1. IL-KOOPERAZZJONI U L-KOORDINAZZJONI FIL-LIVELL TAL-UE U DAK INTERNAZZJONALI

	Objettivi	Parti responsabbli	Perjodu ta' żmien	Azzjonijiet speċifiċi
1.1	Twaqqif ta' kanal ta' komunikazzjoni bejn dawk li jfasslu l-politika (inkluża l-Kummissjoni), dawk li jipprovdu d-dejta u l-utenti aħħarija	COM (HOME)	Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni fl-2011 Laqgħat annwali, li jibdwu mill-2012	It-twaqqif mill-ġdid u t-tkabbir ¹⁵ ta' grupp ta' esperti biex jikkonsultaw lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni ta' dan il-Pjan ta' Azzjoni. b. Definizzjoni u aġġornament regolari tal-ħtieġa ta' politika permezz ta' diskussjonijiet u konsultazzjonijiet bil-miktub. c. Segwitu mingħand l-utenti tal-istatistika miġbura tal-kriminalità għal fehim aħjar it-tip ta' dejta meħtieġa għal tal-politika u t-teħid tad-deċiżjonijiet.
1.2	Tqajjim ta' kuxjenza u titjib tal-viżibiltà tal-ħidma fuq l-istatistika dwar il-	COM (HOME)	Kontinwu	a. Aġġornar kull sena lill-gruppi ta' ħidma rilevanti tal-Kunsill dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni. b. Il-promozzjoni u t-tixrid tal-aħjar prassi mill-Istati Membri u organizzazzjonijiet internazzjonali

¹⁵ Sabiex tkopri s-27 SM, il-Pajjiżi Aderenti u Kandidati, is-Segretarjat tal-Kunsill, l-aġenziji tal-UE, il-Kunsill tal-Ewropa, korpi tan-NU, is-Sourcebook Ewropew u rappreżentanti l-Akkademja

	kriminalità fost l-istituzzjonijiet tal-UE			
1.3	Titjib fil-kooperazzjoni bejn grupp ġdid ta' esperti u tal-grupp ta' Ħidma tal-Eurostat	COM (HOME, ESTAT)	Kontinwu	Aċċess komuni għar-rapporti tal-laqgħat, preżentazzjonijiet u dokumenti ta' appoġġ.
1.4	Tiġi evitata l-proliferazzjoni ta' dejta statistika u d-dupplikazzjoni tal-informazzjoni billi jiġu organizzati ġabriet ta' dejta flimkien ma' istituzzjonijiet internazzjonali oħra u/jew aġenziji tal-UE.	COM (ESTAT, HOME, JUST)	2011 l-ewwel ġbir ta' dejta komuni	UNODC – EUROSTAT ġbir ta' dejta komuni. Esplorazzjoni ta' possibbiltajiet oħra. Il-Kummissjoni – Kunsill tal-Ewropa dwar il-popolazzjoni tal-ħabs (SPAZJU I u II)
1.5	Ħidma b'kollaborazzjoni mill-qrib mal-komunità akkademika u l-promozzjoni ta' attivitajiet ta' riċerka	COM (HOME, ESTAT, JUST, RTD, ENTR)	Kontinwu	a. Rappreżentanza sostanzjali tal-Akkademja fil-grupp ta' esperti u s-sottogruppi rilevanti tal-Kummissjoni. b. It-tixrid ta' informazzjoni dwar opportunitajiet ta' riċerka taħt is-seba' (7) u t-tmien (8) Programm Qafas ta' Riċerka. c. Komunikazzjoni wiesgħa tar-riżultati finali u r-riżultati tal-proġetti ffinanzjati permezz tal-Programm ISEC.

	b'relevanza għall-politika fl-oqsma prijoritarji tal-kriminalità tad-DĠ HOME.			
--	---	--	--	--

2. IL-KWALITÀ TAD-DEJTA

2.1	Is-segwitu u t-tkomplija tal-ħidma fuq l-iżvilupp ta' Sistema Internazzjonali ta' Klassifikazzjoni tal-kriminalità għal finijiet ta' statistika b'kollaborazzjoni mal-UNODC u l-UNECE	COM (HOME, ESTAT), UNODC, UNECE	Kontinwu	a. Il-Kontribuzzjoni għall-iżvilupp ta' tali klassifikazzjoni u l-promozzjoni tar-riżultat finali mal-gruppi rilevanti. b. Il-provvediment ta' finanzjament, permezz tal-Programm ISEC, lill-Istati Membri li jixtiequ jittestjaw il-klassifikazzjoni proposta.
2.2	It-tkomplija u l-avvanz tal-pubblikazzjoni annwali ta' dejta dwar il-Kriminalità u Ġustizzja Kriminali (Statistics in Focus) sabiex ti pprovduta aktar informazzjoni	COM (ESTAT, HOME, JUST,)	Kontinwu	a. L-introduzzjoni ta' varjabbli demografiċi (eż. is-sess u l-età tal-gruppi). b. L-inklużjoni ta' informazzjoni dwar in-nazzjonalità u r-residenza għall-popolazzjoni tal-ħabs. c. L-estensjoni tal-pubblikazzjoni għal tipi oħra ta' kriminalità.

2.3	Titjib tal-komparabilità tad-dejta miġbura u ppubblikata sa issa.	COM (ESTAT u HOME)	Kontinwu	a. Diżaggregazzjoni tal-klassijiet ġenerali ta' delitti f'kategorijiet ta' kriminalità aktar omoġenji meta jkun possibbli¹⁶. b. L-iżvilupp tad-definizzjonijiet komuni u linji gwida partikolarment għall-ġbir tad-dejta dwar Eurocrimes fejn m'hemm l-ebda esperjenza preċedenti.
-----	---	--------------------	----------	---

3. L-ANALIŻI TAD-DEJTA U D-DISSEMINAZZJONI TAR-RIŻULTATI

3.1	Żvilupp ta' qafas koerenti għar-rappurtar tad-dejta tal-UE 27 dwar il-kriminalità biex jiġu evitati paraguni qarrieqa.	COM (HOME) b'kontribuzzjonijiet minn Direttorati Ġenerali oħra u partijiet interessati internazzjonali	L-edizzjoni tal-ewwel stampar fl-2013-2014	L-iżvilupp ta' Rapport Ewropew tal-Kriminalità ibbażat fuq ir-rakkomandazzjonijiet tal-istudju preliminari mwettaq taħt il-Pjan ta' Azzjoni 2006-2010 u l-valutazzjoni tal-fattibbiltà tal-alternattivi proposti.
3.2	Il-ġabra u l-pubblikazzjoni ta' metadejta u tagħrif kuntestwali fuq bażi sistematika.	COM (ESTAT, HOME)	Kontinwu	Kull ġbir tad-dejta għandu jiġi akkumpanjat minn sett ta' metadejta u kummenti kif ipprovduti mill-Istati Membri.
3.3	Il-pubblikazzjoni ta' dokumenti ta' ħidma u noti ta' spjegazzjoni	COM (HOME) u/jew esperti esterni skont il-każ	Kontinwu	Għal kull ġabra speċifika ta' dejta (l-oġettivi 4.1- 4.6)se jiġu ppreżentati r-riżultati u, jekk possibbli, analizzati

¹⁶

Kien jiddependi ħafna fuq ir-riżultat ta 'Oġettiv 2.1: żvilupp ta' Sistema Internazzjonali ta' Klassifikazzjoni tal-Kriminalità għal finijiet statistiċi

				f'dokument ta' ħidma li ser ikun pubblikament aċċessibbli.
--	--	--	--	--

4. L-IŻVILUPP TA' INDIKATURI U ĠABRIET SPEĊIFIĊI TAD-DEJTA

4.1	Il-Kejl tal-Ħasil tal-Flus	COM (HOME, ESTAT)	Il-Ġbir tad-Dejta fl-2011. Il-Pubblikazzjoni tar-riżultati fl-ewwel nofs l-2012	a. It-tielet ġabra ta' Statistika dwar il-Ħasil tal-Flus ibbażata fuq indikaturi żviluppati taħt il-Pjan ta' Azzjoni 2006-2010. b. Il-valutazzjoni tal-ħtieġa għal ġbir regolari kull sentejn.
4.2	Il-Kejl Tat-Traffikar Tal-Bnedmin	COM (HOME, ESTAT għall-ġbir)	L-ewwel ġbir tad-dejta fl-2011-2012	a. L-ewwel ġbir tad-dejta fuq numru żgħir ta' indikaturi f' kollaborazzjoni man-Netwerk ta' Relaturi Nazzjonali. b. Valutazzjoni tal-fattibilità u l-ħtieġa għal ġbir regolari.
4.3	Il-kejl taċ-Ċiberkriminalità	COM (HOME, b'pariri tekniċi mill-ESTAT)	L-ewwel ġbir tad-dejta fl-2012	a. L-ewwel ġbir ta' dejta dwar ir-reati tad-Direttiva proposta tal-UE dwar attakki kontra s-sistemi ta' informazzjoni ¹⁷ . b. It-twessigħ gradwali tal-lista biex jiġu koperti reati oħra ffaċilitati bil-kompjuter, bħal frodi onaljn ta' volum għoli, se jiġi evalwat u diskuss.

¹⁷ Kif adottata mill-Kummissjoni fit-30 ta' Settembru 2010 (COM(2010)517 final).

4.4	Il-kejl tal-Korruzzjoni	COM (HOME, b'pariri tekniċi mill-ESTAT, OLAF)	L-ewwel ġbir tad-dejta fl-2013	L-iżvilupp ta' indikaturi segwit minn ġbir bi prova ta' dejta.
4.5	Il-kejl tar-rati tal-vittimizzazzjoni u s-sensazzjonijiet tas-sigurtà fi sħarriġ komuni tal-UE (EU SASU)	COM (ESTAT, HOME, JUST), L-Istati Membri	L-implimentazzjoni tal-istħarriġ fl-2013 Pubblikazzjoni tar-riżultati fl-2014-2015	a. L-implimentazzjoni ta' sħarriġ tal-familja/personali fl-Unjoni Ewropea; il-mudell ġie żviluppat f'kooperazzjoni mill-qrib ma' l-Istati Membri u jkopri l-prevalenza ta' tipi speċifiċi ta' kriminalità (rati ta' vittimizzazzjoni) u aspetti oħra relatata mas-sensazzjoni ta' ċittadini dwar is-sigurtà tagħhom. b. L-analiżi u l-pubblikazzjoni tar-riżultati
4.6	Il-kejl tal-firxa u t-tip ta' vittimizzazzjoni fil-qasam tan-negozju	COM (HOME)	L-istħarriġ fl-2011 - 2012 Ir-riżultati fl-2013	L-implimentazzjoni ta' sħarriġ dwar il-Vittimizzazzjoni fin-Negozju bbażat fuq l-istudju tal-fattibilità sar taħt il-Pjan ta' Azzjoni 2006-2010.
4.7	Il-kejl tal-impatt tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-sanzjonijiet kriminali fuq il-prattika nazzjonali	COM (JUST)	Ir-riżultati fl-2013	L-ewwel ġbir ta' dejta bbażata fuq studju dwar il-leġiżlazzjoni u l-prattika fir-rigward tas-sanzjonijiet kriminali.